MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 891/2009

***Bank of Valletta p.l.c.***

***Versus***

**Pio u Victoria miżżewġin Micallef**

1. F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob illi l-konvenuti jroddu mija u sebgħa u għoxrin elf, mija u sittax il-euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€127,116.54) bilanċ ta' self magħmul lilhom u mgħaxijiet relativi, billi qiegħda tgħid illi seħħew il-kondizzjonijiet biex tista' titlob il-ħlas lura tal-bilanċ kollu tas-self. L-attriċi qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta' ittra uffiċjali tat-22 ta' Lulju 2009, u l-imgħaxijiet mill-20 ta' Awissu 2009 sa meta jsir il-ħlas.
2. Kif jidher mill-verbal tas-seduta tat-2 ta' Lulju 2010, il-konvenuti ma jikkontestawx it-talbiet tal-attriċi iżda xtaqu żmien biex iħallsu għax, minħabba ċirkostanzi li ma kellhomx kontroll fuqhom, ma setgħux iħallsu meta għalaq id-dejn. Il-qorti għalhekk tathom żmien sat-30 ta'

Novembru 2010 biex jaraw jilħqux ftehim mal-attriċi dwar kif kellu jsir il-ħlas. Billi iżda sa dakinhar la sar il-ħlas u lanqas intlaħaq xi ftehim, il-kawża ġiet differita għallum għas-sentenza.

3. Billi kemm mill-provi fil-proċess u kemm mill-ammissjoni tal-konvenuti jidher illi l-konvenuti tassew għandhom jagħtu lill-attriċi daqskemm din qiegħda titlob, il-qorti taqta' l-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi, tgħid illi seħħew il-kondizzjonijiet biex l-attriċi tista' minnufih titlob il-ħlas tad-dejn u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi mija u sebgħa u għoxrin elf, mija u sittax il-euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€127,116.54), flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż mitluba fir-rikors maħluf.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------